MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 504/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi hu u l-intimata Janice Portelli kienu zzewgu fir-Renju Unit fis-sebgha ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tlieta u tmenin (07/05/1983) u sussegwentement stabbilew irwiehom hawn Malta;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla wahda u cioe’ Samantha Jane li twieldet fit-tnax ta’ Gunju elf disa mija u hamsa u tmenin (12/06/85) u li llum ghandha sebgha u ghoxrin (27) sena;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia fit-13 ta’ Awissu tas-sena elfejn u tmienja (13.08.2008), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi ai fini tas-subartikolu 66B(a) tal-Kap XVI, diga ghaddew iktar minn erba’ (4) snin mis-separazzjoni legali tal-partijiet;

Illi ai fini wkoll tas-subartikolu succitat, jigi dikjarat ukoll illi il-partijiet ilhom ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba’ (4) snin kontinwati;

Illi ai fini tas-subartikolu 66B(b) tal-Kap. XVI, jigi dikjarat illi ma hemm l-ebda prospett ragunevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin;

Illi ai fini wkoll tal-ahhar artikolu succitat, jigi rilevat illi il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet jiddisponi fil-klawzola numru hamsa (5) tieghu illi il-partijiet kienu fuq dak l-att irrinunzjaw ghad-dritt reciproku ghall-manteniment;

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti illi il-kondizzjonijiet disposti mil-ligi li huma pjenament sodisfatti;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn Alexander sive Sandro Portelli u martu

Janice Portelli u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et sequitur tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Awissu, 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------